

Brussell, 29 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11097/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0227 (NLE)

AGRI 537
AGRIORG 84
OIV 3

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 407 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl- Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 407 annex.

Mehmuż: COM(2026) 407 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2026
COM(2026) 407 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni
Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)**

ANNESS

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jagħxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, għandhom jappoġġaw l-abbozzi tar-Riżoluzzjonijiet li ġejjin fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għas-16 ta' Ottubru 2026:

- OENO-MICRO 20-669A: Stabbilizzazzjoni mikrobijoloġika tal-most permezz ta' kampi elettriċi bl-impulsi (PEF);
- OENO-MICRO 20-669B: Stabbilizzazzjoni mikrobijoloġika tal-inbejjed permezz ta' kampi elettriċi bl-impulsi (PEF);
- OENO-TECHNO 14-540B: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid parzjalment dealkoholizzati, soġġett għall-fehim li t-taqsimha dwar "Taħlil" u b'mod partikolari d-Definizzjoni "Żieda ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ma' nbid dealkoholizzati" jenħtieġ li tiġi interpretata bħala limitata għall-prodotti elenkati fil-"Preskrizzjoni";
- OENO-TECHNO 14-544: Trattament bil-polidimetilsilossan – aġġornament tal-kodiċi internazzjonali tal-prattiki enoloġiċi;
- OENO-TECHNO 20-672A: Trattament b'silika mesoporuża funzjonalizzata (FMS) għall-istabbilizzazzjoni tal-proteini tal-most;
- OENO-TECHNO 21-706: Aġġornament tal-fajl 3.3.13 "Trattament tal-inbejjed bil-mannoproteini tal-ħmira";
- OENO-TECHNO 23-730: Limitu tal-aċidu sorbiku fl-inbid;
- OENO-TECHNO 23-734: Trattament tal-most abjad b'żibeġ adsorbenti tal-istiren-divinilbenzen biex jiġu eliminati l-komposti polifenoliċi li jagħtu l-kulur kannella;
- OENO-TECHNO 23-735: Trattament tal-most abjad b'żibeġ adsorbenti tal-istiren-divinilbenzen biex jiġu eliminati l-komposti polifenoliċi responsabbli li jagħtu l-kulur kannella;
- OENO-TECHNO 25-761: Aġġornament tal-fajl 3.4.21 "Attivaturi tal-fermentazzjoni malolattika";
- OENO-SPECIF 21-695: Monografija fuq ir-reżini ta' kelazzjoni tal-istiren-divinilbenzen bi grupp funzjonali iminodiacetiku;
- OENO-SPECIF 23-727: Aġġornament tal-monografija tal-aċidu ċitriku;
- OENO-SCMA 24-754: Metodu analitiku għad-determinazzjoni tal-proporzjon isotopiku tal-istronzju ($^{87}\text{Sr}/^{86}\text{Sr}$) fl-inbejjed (Metodu tat-tip IV);
- SECSAN-SECUAL 23-722: Aġġornament tal-klassifikazzjoni tat-tannini enoloġiċi bħala addittiv jew għajjnuna għall-ipproċessar.

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jagħxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġetti għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, għandhom jappoġġaw l-abbozzi tar-Riżoluzzjoni li ġejja fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għas-16 ta' Ottubru 2026 biss jekk il-kundizzjoni espressa tkun issodisfata:

- OENO-TECHNO 14-540A: it-trattament speċifiku "6.34 Żieda tal-gliċerol" jitneħħa mit-test tar-Riżoluzzjoni.